MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 427/2009

**Typeset Company Limited (C 17521)**

**Vs**

**Is-socjeta` estera Norddeutsche Seekabelwerke GmbH**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mis-socjeta' attrici fis-6 ta' Mejju, 2009, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi bi ftehim verbali milhuq bejn il-kontendenti u kkonfermat permezz ta' komunikazzjonijiet bl-*email*, is-socjeta` konvenuta qabbdet u appuntat lis-socjeta` attrici bhala r-rapprezentanti lokali taghha in konnessjoni mal-progett ta' *Melita Cable plc International Network Project*

illi kien l-oggett ta’ *tender* mahrug mis-socjeta` Melita Cable plc f’Marzu 2008.

Illi ai termini ta’ dan il-ftehim, is-socjeta` konvenuta intrabtet u accettat li thallas lis-socjeta` attrici kummissjoni ta’ tlieta fil-mija (3%) tal-valur totali tal-kuntratt, fl-eventwalita` illi l-istess kuntratt jigi moghti lis-socjeta` konvenuta mill-imsemmija socjeta` Melita Cable plc.

Illi, bis-sahha ta’ dan il-ftehim, is-socjeta` attrici bdiet tirrendi s-servizzi taghha lis-socjeta` konvenuta illi, min-naha taghha, abbandunat b’mod hesrem dan il-ftehim u waqfet taghmel uzu mis-servizzi tas-socjeta` attrici, u dana minghajr ebda raguni valida.

Illi l-progett hawn fuq deskritt gie eventwalment moghti mis-socjeta` Melita Cable plc lis-socjeta` konvenuta, flimkien ma’ terzi.

Illi, nonostante interpellata sabiex thallas lis-socjeta` attrici dik il-kummissjoni ossija kumpens jew danni dovuta lis-socjeta` attrici sew ghas-servizzi rezi minnha ai termini tal-istess imsemmi ftehim u sew ghat-telf soffert mill-istess socjeta` attrici, minhabba t-terminazzjoni prematura, minghajr ebda raguni valida fil-ligi, tal-istess ftehim da parte tas-socjeta` konvenuta, l-istess socjeta` konvenuta baqghet ghal kollox inadempjenti.

Talbet li s-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna :

1. tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta hija tenuta li thallas lis-socjeta` attrici dik is-somma in linea ta’ kummissjoni ai termini tal-ftehim milhuq bejn il-kontendenti kif hawn fuq spjegat, ossija kumpens u/jew danni dovuti sew ghas-servizzi rezi mis-socjeta` attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tas-socjeta` konvenuta ai termini tal-istess imsemmi ftehim u sew ghat-telf, konsistenti principalment f’telf ta’ profitti, soffert mill-istess socjeta` attrici, minhabba t-terminazzjoni prematura,

minghajr ebda raguni valida fil-ligi, tal-istess ftehim da parte tas-socjeta` konvenuta;
2. tillikwida dik is-somma illi s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici a bazi tal-ewwel talba attrici;
3. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta li thallas lis-socjeta` attrici dik is-somma hekk likwidata.
Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta` konvenuta illi minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.
Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi preliminarjament id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi Qrati Civili ta' Malta m'ghandhomx gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu l-kawza fuq imsemmija stante li tirrigwarda persuni li m'ghandhomx id-domicilju taghhom Malta u li m'humiex prezenti f'Malta u ghalhekk kif jistipula l-Artikolu 742(1)(b),(d),(e) u (f) din il-kawza ma tistax titkompla u tinstema' f'Malta u l-konvenut konsegwentement ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi f'kaz li titkompla din l-azzjoni, din tkun vessatorja, oppressiva u ingusta in konfront tieghu ai termini tal-Ligi.

2. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-Artikolu 2 para 1 tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea numru 44/2001 jistipula illi 'persons should be sued in the member state where they are domiciled' u ghalhekk ghal din ir-raguni wkoll il-konvenut ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju gja la darba Malta hija membru ta' l-Unjoni Ewropeja u firmatarja tal-Konvenzjoni Ewropeja.

3. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghal premess, ma ntlahaq l-ebda ftehim bejn il-kontendenti rigwardanti li s-socjeta' attrici kellha titqabbad bhala 'commission agent' ghal progett ta' Melita Cable plc International Network Project tant li meta l-attur gie prezentat biex jiffirma ftehim ta' 'commercial agency' huwa rrifjuta li jaghmel dan minkejja li giet mibghuta draft ta' skrittura li qatt ma giet

iffirmata mis-socjeta’ attrici, li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. ED1.

4. Illi dejjem kien intiz bejn il-partijiet illi l-ftehim kellu jkun bil-miktub, tant illi fid-*draft letter of commission* mibghuta fit-28 ta’ Marzu, 2008, li kopja tieghu qeghda tigi hawn esebita u mmarkata bhala Dok. ED2, Typeset issuggerixxa lil Malta bhala l-post fejn kwistjonijiet ghandhom jigu decizi, haga li ma gietx accettata mill-konvenut li l-Standard Agency Agreement ta’ l-4 ta’ April, 2006, klawsola 17.1 stipula illi l-Germanja ghandha tkun il-post fejn dawn il-kwistjonijiet kollha ghandhom jigu rizolti. Illi ghalhekk juri illi gja la darba gew skambjati skritturi li qatt ma gew iffirmati bejn il-partijiet, wiehed qatt ma jista’ jghid illi kien intlahaq xi ftehim fuq xi Agency Agreement u dan stante illi l-kundizzjonijiet kollha rigwardanti l-kollaborazzjoni taghhom, qatt ma gew miftehma u ghalhekk il-principju ta’ *essentialia negottii* ma giex patwit u konkjuz.

5. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghal premess, il-kontendenti qatt ma kien possibli ghalihom li jiftehmu fuq il-kwistjoni rilevanti koncernanti l-ftehim la oralment u lanqas bil-miktub u dan stante illi kull parti baghtet *templates* tal-kopja tal-kuntratt li kellu jigi ffirmat. Fil-fatt skond klawsola 7.1 ta’ lis-Standard Agent Agreement, l-attur qatt ma kien intitolat ghal xi kommissjoni fuq *sales* li kienu ser jigu maghmula jekk dawn is-*sales* “were not solicited and effected by you including sales effected directly by NSW or through contact made by a customer directly to NSW or through contacts made by another agent in the Territory”, u ghalhekk il-konvenut ma kien ikollu ebda dritt ghal xi hlasijiet kif talvolta jippretendi illi huwa ghandu fuq il-valur tal-kuntratt milhuq bejn Melita u l-konvenut u Italtel SPA.

6. Illi l-attur lanqas setgha jirranga appuntament ghal konvenut ma’ Melita Plc fis-7, 8 ta’ April, 2008, liema appuntament gie kkancellat minn Melita Plc u dan it-tali appuntament sar tramite Italtel SPA f’data sussegwenti. Il-kooperazzjoni bejn il-konvenut u Italtel SPA kienet mandatorja, stante illi pre-kondizzjoni tal-kuntratt kienet illi

r-rebbieh tat-tender kellu jipprovdi *landing permits* go Sqallija u ghalhekk il-ftehim propost ma' l-attur qatt ma setgha jsehh.

7. Illi fost il-kundizzjoni ta' l-istess ftehim, kull kundizzjoni kellha tigi deciza permezz ta' Arbitragg f'Oldenberg, il-Germanja, skond ir-regoli ta' l-International Chamber of Commerce u dan kif jirrizulta mill-istess *standard agency agreement* li qatt ma gie ffirmat bejn il-partijiet.

8. Illi skond id-*draft proposals* tal-ftehim, ir-rikorrenti kellu jigi mahtur biex jaghmel *project identification* ta' *sub-marine cable projects* u zvilupp ta' l-istess progett, fejn kellu jirrigwarda l-bejgh tal-progett u affarijiet teknici ohra koncernanti l-istess progett b'koordinazzjoni mal-konvenut. Kellu jidentifika ukoll progetti ghal *combined sub-marine cable* u l-*land cable activities.* Kellu wkoll jikkoordina l-bejgh tas-*submarine cable,,* kif ukoll il-bejgh u l-kiri tas-*submarine cable equipment,* jinvestiga jifrex u jbiegh opportunitajiet ta' tqeghid tas-*sub-marine cable* u kull servizz addizzjonali, jidentifika u jbiegh *repair and maintenance opportunities,* jirrekluta *transmission equipment partners,* jiehu hsieb il-klijenti l-godda tal-kumpanija inkluz l-ivvjaggar u attivitajiet ancillari; jippartecipa f'diversi meetings koncernanti l-progett nkluz id-dettalji kollha u *know how* tal-progett u kull xahar jaghmel rapport ta' l-attivitajiet tan-negozju u tal-kundizzjonijiet tan-negozju in generali u dan kif jirrizulta mill-istess *schedule 1* ta' l-istess *draft agreement.* Illi ghalhekk dan il-ftehim kien ghadu ma ntlahaqx bejn il-partijiet u r-rikorrenti ghalhekk ma jistax jippretendi illi huwa gie mahtur bhala *commission agent* gja la darba huwa ma jridx jiffirma l-ftehim propost u ghalhekk il-konvenut ghal din ir-raguni wkoll, ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

9. Illi skond l-Artikolu 71 tal-Kodici tal-Kummerc l-ebda persuna ma tista' tagixxi bhala '*commercial agent*' sia wahedha jew bi ftehim ma' terzi jekk ma jkollhiex licenzja mill-awtorita' regolatorja li huwa l-Kunsill tal-Kamra tal-Kummerc u ghalhekk ghal din ir-raguni wkoll, il-

konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ghax l-attur kien f'impossibilita' legali li jagixxi bhala *commission agent,* gja la darba huwa ma kienx registrat mal-Kamra tal-Kummerc bhala tali.

10. Illi *b'email* tal-25 ta' Marzu 2009 is-Segretarja tal-Kamra tal-Kummerc ikkonfermat li Joseph Mizzi (ID 426445M) u/jew Typeset Company Limited qatt ma applikaw biex huma jagixxu bhala 'commercial agents' u ghalhekk huma ma jistghux jippretendu li huma gew appuntati agenti u/jew rapprezentanti lokali f'Malta li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument ED3.

11. Illi barra minn hekk, l-istipulazzjoni ta' l–Artikolu 71 tal-Kodici tal-Kummerc huwa ta' ordni pubbliku, tant li jekk persuna ma jagixxix ai termini tal-istess Artikolu hawn imsemmi l-Artikolu 73 tal-Kodici tal-Kummerc jistipula li dan huwa reat punibbli b'multa u f'kaz tat-tieni reat punibbli anke bi prigunerija u ghalhekk konsegwentement kif jistipula l-Artikolu 1054 tal-Kap XVI tal-Ligijiet ta' Malta meta kundizzjoni hija kontrarja ghall-ordni pubbliku u/jew projbita mil-ligi, dik il-kundizzjoni tkun invalida u tannulla l-ftehim minnha dipendenti. Jigifieri, illi jekk ghal grazzja tal-argument wiehed jista' jigbed konkluzzjoni u dan b'mod gratuwitu li kien intlahaq ftehim ta' 'commercial agency' allura dak il-ftehim kien null galadarba l-agent ma kienx irregistrat mal-Kunsill tal-Kamra tal-Kummerc u ghalhekk din ir-registrazzjoni hija kundizzjoni impellenti biex huwa jkun jista' jagixxi bhala tali fl-interess tal-principali tieghu biex b'hekk dan in-nuqqas jannulla kull ftehim li talvolta seta' kien intlahaq bejniethom.

12. Illi l-attur la qatt iffirma d-*draft proposals* mal-konvenut u/jew innegozja xi ftehim ma' Melita u/jew kien prezenti f'xi diskussjonijiet ma' Melita stante illi dan il-ftehim intlahaq bejn il-konvenut u Melita minghajr l-assistenza u/jew ghajnuna tar-rikorrenti u/jew minghajr xi servizz offrut mill-istess rikorrenti li qatt ma ried jiffirma l-ftehim ta' agent li gie mibghut mill-istess intimat lill-istess rikorrenti imma nsista li ghandu jigi ffirmat il-ftehim tieghu skond il-*letter of commission* tas-27 ta' Marzu, 2008, u

ghalhekk huwa ma jistax jippretendi illi talli ma ntlahaqx ftehim bil-miktub u m'ghamel xejn biex jintlahaq dan il-ftehim u/jew biex jaghti s-servizz tieghu tul il-kors tal-progett li jithallas ta' servizzi li ma gewx rezi gja ladarba dan il-ftehim gie negozjat bejn l-intimat u Italtel Spa ma' Melita Cable plc ma jistax jippretendi illi dan il-ftehim gie konkluz.

13. Illi konsegwentement, l-intimat m'ghandux ihallas l-ebda kommissjoni lir-rikorrenti stante li ma kien intlahaq ebda ftehim tas-servizzi li l-istess rikorrenti kellu jaghti lis-socjeta' intimata tant li huwa ma riedx jiffirma l-kuntratt li gie pprezentat lilu u ghalhekk ma jistax jigi konkjuz illi s-socjeta' intimata hija responsabbli ghad-danni gja ladarba ma kienx intlahaq ftehim bejn il-partijiet u ghal din ir-raguni, l-intimat ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

14. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta' konvenuta;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba ghal kundanna ta' hlas da parti tas-socjeta' konvenuta abbazi ta' ftehim verbali, liema hlas ghandu jinkludi l-kummissjoni kif ukoll kumpens u/jew danni dovuti kemm ghas-servizz rez kif ukoll ghat-telf ta' profitti minhabba t-terminazzjoni prematura u minghajr ebda raguni valida fil-ligi tal-istess ftehim da parti tas-socjeta' konvenuta. Min-naha taghha,

s-socjeta' konvenuta resqet 2 eccezzjonijiet ta' natura preliminari, u cioe':

1. Il-Qrati Civili ma ghandhomx gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu l-kawza peress li tirrigwarda persuni li m'ghandhomx d-domicilju taghhom Malta u li mhumiex prezenti f'Malta u dan *ai termini* tal-Artikolu 742(1) (b), (d), (e) u (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minhabba l-artikolu 2 para 1 tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea numru 44/2001 li jistipula li "***persons should be sued in the member state where they are domiciled***";

Illi permezz tad-digriet moghti nhar it-13 ta' Jannar 2010, il-Qorti ordnat li jingabru l-provi dwar l-ewwel 2 eccezzjonijiet.

**Dwar l-ewwel eċċezzjoni**

Illi il-Qorti taghmel referenza ghal Artikolu 742(1) tal-Kap. 12 li jghid li bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi espressament xort'ohra, l-Qrati Ċivili ta' Malta mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ, għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw :

(b) "***kull persuna, sakemm jew għandha d-domiċilju tagħha jew tkun toqgħod jew tkun qegħda Malta***";

(d) "***kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'Malta, iżda għall-kawżi biss li għandhom x'jaqsmu ma' dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta***";

(e) "***kull persuna illi, għalkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'pajjiż ieħor, tkun ftehmet li għandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f'Malta, jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi bilfors għandu jkollha effett f'Malta, kemm-il darba, f'kull każ, dik il-persuna tkun tinsab Malta***";
(f) "***kull persuna, għal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur ċittadin ta' Malta jew persuna li***

***tinsab Malta jew korp li jkollu personalità ġuridika distinta jew assoċjazzjoni ta' persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f'Malta, meta s-sentenza tista' tkun esegwita f'Malta***";

Illi il-Qorti tirrileva li l-ligi kwotata mis-socjeta' konvenuta abbazi tal-ewwel eccezzjoni hija l-ligi generali tal-procedura adottata f'Malta u ghalhekk, kwalunkwe legislazzjoni specjali ghandha necessarjament tinghata precedenza, u dan skond il-principju *lex specialis derogat generalis*. Apparti dan, anke l-Artikolu 742(6) tal-Kap. 12 stess jispecifika li:

**"*Meta disposizzjoni issir taħt xi liġi oħra jew f'xi Regolament ta' l-Unjoni Ewropea fejn tintgħamel disposizzjoni differenti minn dik li tinsab f'dan l-artikolu, id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw dwar l-affarijiet li jaqgħu taħt dik id-disposizzjoni l-oħra u għandhom biss japplikaw għal affarijiet li dwarhom dik id-disposizzjoni l-oħra ma tapplikax*"**

u ghalhekk, ma hemm ebda dubju dwar liema ligi ghandha tiehu precedenza.

Ghalhekk f'dan l-istadju ssir referenza ghall-ligi specjali applikabbli u cioe' ghal Artikolu 5 tar-regolament 44/2001 li jghid li:

"***Persuna domiciljata fi stat membru tista' fi stat membru iehor tkun imfittxija***

***a. F'materji li ghandhom x'jaqsmu ma xi kuntratt fil-qrati tal-post tat-twettieq tal-obbligi f'dak il-kaz;***

***b. Ghall-iskopijiet ta' din id-disposizzjoni u sa kemm ma jkunx miftiehem mod iehor, il-post tat-twettieq ta' l-obbligi f'dak il-kaz ghandu jkun:***

***Fil-kaz ta' provista ta' servizzi, il-post fl-istat membru fejn skond kuntratt gew provduti jew suppost li kienu provduti servizzi***".

Il-Qorti tirrileva allura li minkejja li ghandha tigi deciza l-kwistjoni relatata mal-gurisdizzjoni jew in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-istess Qorti, fl-ewwel lok ghandu jigi stabbilit jekk bejn il-partijiet hemmx verament kuntratt li minnu jemanu xi obbligazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u li t-twettieq taghhom huwa f'Malta, ghaliex dan necessarjament iwassal ghall-konkluzjoni dwar il-gurisdizzjoni *o meno* tal-kaz odjern.

Is-socjeta' attrici, anke mill-qari tal-istess rikors guramentat taghha, mill-ewwel tikkontendi li l-ftehim bejn il-partijiet huwa wiehed verbali, izda fl-istess nifs tikkontendi li dan il-ftehim huwa kkonfermat permezz ta' komunikazzjonijiet bl-*email*. Min-naha taghha, permezz tat-tielet eccezzjoni, s-socjeta' konvenuta tirrileva li bejn il-partijiet ma hemm ebda ftehim bejn il-partijiet, *stante* li minkejja li s-socjeta' konvenuta baghtet *draft agreement* lis-socjeta' attrici, din tal-ahhar irrifjutat li tiffirma tali ftehim, minkejja li giet mibghuta *draft*.

Il-Qorti taghmel referenza ghal Dok. ED1[1] u li minnu jirrizulta bl-aktar mod car l-iskambju ta' *emails* bejn il-partijiet u d-*draft agreement* intiz li jigi ffirmat. Tant hu hekk, li a fol 48 tal-process, Joseph Mizzi ghan-nom tas-socjeta' attrici, jiddikjara li hija x-xewqa tieghu li tali ftehim jigi ffirmat qabel il-21 ta' April 2008. Mill-qari ta' din l-istess *email,* jirrizulta bl-aktar mod car li l-intenzjoni tal-partijiet kienet dik li l-ftehim ghandu jkun regolat bil-kitba. Gialadarba dan il-ftehim baqa' qatt ma gie ffirmat (u dan il-fatt ma jidhirx li huwa kkontestat ghaliex anke s-socjeta' attrici stess tikkonferma li l-ftehim bejn il-partijiet huwa wiehed verbali), jifdal biss lil din il-Qorti sabiex tistabbilixxi jekk fil-fatt, bejn il-partijiet hemmx ftehim verbali jew le. Il-Qorti terga' taghmel referenza ghall-*emails* esebiti a fol 44 u li permezz taghhom, Joseph Mizzi ghas-socjeta' attrici, jfakkar iz-zmien relattiv qabel l-iffirmar tal-ftehim. Minn qari tal-istess *emails,* jirrizulta li ghall-anqas sa' erbat ijiem qabel id-data prefissa, u cioe' dik tal-21 ta' April 2008, kien ghad hemm stennija dwar l-ahhar emendi u

[1] Esebit a fol 44 tal-process

kummenti dwar l-istess ftehim. Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal Dok. ED2[2] li juri l-intenzjoni da parti tal-partijiet (ghal darba ohra) li jirregolaw il-ftehim transitorju taghhom relattiv ghall-kummissjoni bil-miktub u dan sakemm umbaghad jigi ffirmat il-ftehim innifsu fit-30 ta' April 2008. Dan necessarjament ifisser li lanqas il-ftehim transitorju (u cioe' sakemm jigi ffirmat il-kuntratt innifsu) ma gie ffirmat. Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal Dok. ED3 u li permezz tieghu, il-konsulent legali, u fuq kollox mandatarju tas-socjeta' konvenuta, talab informazzjoni dwar Joseph Mizzi.

Il-Qorti tirreferi ukoll ghall-affidavit tal-mandatarju tas-socjeta' konvenuta Dr. Edward Debono[3] fejn bl-aktar mod car jiddikjara li "***kull ma ghadda bejn il-partijiet hija korrispondenza u li l-ebda ftehim ma gie raggunt u jew iffirmat bejniethom stante li ma ntlahaq l-ebda ftehim bejn il-kontendenti rigwardanti is-servizzi li s-socjeta' attrici kienet ser taghti lill-intimat bhala commercial agent...***" u jzid jghid li "***l-partijiet la ftehmu oralment u lanqas bil-miktub u dan stante illi kull parti baghtet templates tal-kopja tal-kuntratt li kellu jigi ffirmat li qatt ma gie konkluz bejniethom u ghalhekk ma jistax jinghad li intlahaq xi ftehim f'Malta bejn il-partijiet***".

Issir referenza wkoll ghall-affidavit ta' Joseph Mizzi[4] bhala rapprezentant tas-socjeta' attrici u minn qari tal-istess, l-istess xhud jikkonferma li bejn il-partijiet kienu ghaddejjin diskussjonijiet <u>sabiex jintlahaq ftehim.</u> Dan ghaliex l-istess xhud jghid li ghall-anqas sa' April 2008, kien ghadu ma ntlahaq ebda ftehim ghaliex "***Mr. Sobhi Haddar stated that he understood the need for clarification and comments to be made on the clauses of the NSW Standard Agency Agreement***". Dan hu kkorraborat ukoll minn Dok. JM11 esebit a fol 106 tal-process, liema dokument juri kemm anke Joseph Mizzi stess, f'dak iz-zmien kien ghadu ma qabilx mal-kontenut tal-ftehim suggerit. Id-diskussjonijiet u n-negozjati relatati mal-istess

[2] Esebit a fol 50 tal-process
[3] Esebit a fol 56 tal-process
[4] Esebit a fol 64 tal-process

ftehim huma evidenzjati wkoll mill-*emails* annessi mal-istess affidavit. Ix-xhud jaghmel referenza ghall-frazi "***we confirm the verbally committed 3% on the total contract value***" izda il-Qorti tirrileva li minkejja li l-percentagg innifsu bhala figura seta' facilment kien miftiehem bejn il-partijiet, dan bl-ebda mod ma jfisser li bejn il-partijiet kien intlahaq ftehim komplet fis-sens li bejniethom kienu inholqu obbligazzjonijiet legali naxxenti minnu. Ftehim fuq il-percentagg li jkun dovut huwa biss parti mill-ftehim innifsu, wahda mill-kundizzjonijiet tal-istess ftehim, imma dan bl-ebda mod ma jfisser li allura kien intlahaq ftehim fis-sens diga' spjegat. Tant hu hekk, li l-istess frazi hija miktuba (ara Dok. JM12 esebit a fol 109 tal-process) fil-kuntest ta' klawsoli ohra li Sobhi Haddar jiddikjara li ghandhom bzonn jigu riveduti. Dan allura jfisser li fl-ahjar ipotesi ghas-socjeta' attrici, bejn il-partijiet kien hemm qbil fuq il-percentagg tal-kummissjoni dovuta imma l-ebda ftehim ma kien milhuq.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghad-*draft* tal-ftehim (ara Dok. ED1)[5] li jispecifika li l-gurisdizzjoni applikabbli ghall-istess ftehim ghandha tkun dik tal-arbitragg gewwa l-Germanja. Il-Qorti tirrileva li allura, li kieku hija konvinta li bejn il-partijiet hemm ftehim (ghalkemm dan totalment mhux il-kaz), il-Qorti xorta wahda ma kienx ikollha gurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeciedi l-kaz odjern, *stante* li huwa principju maghruf li l-gurisdizzjoni maghzula specifikament f'kuntratt jew ftehim ghandha tiehu precedenza u ghandha tigi osservata skond il-principju ta' *pacta sunt servanda*. Dan qieghed jinghad ukoll abbazi tal-Artikolu 23 ta' l-*EC Regulation* 44 ta' l-2001 li f'Malta kien applikabbli mill-1 ta' Mejju, 2004 li jghid hekk:

*"1.* ***If the parties, one or more of whom is domiciled in a Member State, have agreed that a court or the courts of a Member State are to have jurisdiction to settle any disputes which have arisen or which may arise in connection with a particular legal relationship, that court or those courts shall have jurisdiction. Such jurisdiction shall be exclusive***

[5] Esebit a fol 47 tal-process

***unless the parties have agreed otherwise. Such an agreement conferring jurisdiction shall be either:***
***(a) in writing or evidenced in writing; or***
***(b) in a form which accords with practices which the parties have established between themselves; or***
***(c) in international trade or commerce, in a form which accords with a usage of which the parties are or ought to have been aware and which in such trade or commerce is***
***widely known to, and regularly observed by, parties to contracts of the type involved in the particular trade or commerce concerned****…"*

Il-Qorti tifhem li bejn il-partijiet kien hemm kull intenzjoni li jidhlu fi ftehim, izda minn qari ta' dawn l-*emails* u dokumenti msemmija, jirrizulta bl-aktar mod car li l-ftehim bejn il-partijiet baqa' qatt ma gie milhuq. Dan mhux biss ghaliex il-ftehim innifsu (kif ukoll dak transitorju) baqghu ma gewx iffirmati, imma fuq kollox ghaliex ma kienx hemm ftehim fil-mertu dwar x'ghandu jigi mnizzel fl-istess ftehim. Dan necessarjament ifisser allura li bejn il-partijiet, fl-ahjar ipotezi, kien hemm biss tentattivi biex jintlahaq ftehim u xejn aktar.

Illi ghalhekk, gialadarba il-Qorti hija konvinta li bejn il-partijiet ma kienx hemm ftehim, allura dan necessarjament ifisser li Artikolu 5 tar-regolament 44/2001 mhuwiex applikabbli ghall-kaz odjern u konsegwentement, hija l-ligi generali li ghandha tigi applikata. Dan ifisser li *ai termini* tal-Artiklu 742(1) tal-Kap. 12 (*stante* li s-socjeta' konvenuta mhijiex domiciljata hawn Malta [u dan hu kkonfermat anke minn Joseph Mizzi stess in kontro-ezami[6]] u l-ebda wahda mir-rikwiziti msemmija fl-Artikolu 742(1) tal-Kap. 12 ma hi sodisfatta), il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni sabiex taqta' u tiddeciedi l-kaz odjern. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta qieghda tigi milqugha.

**<u>Dwar it-tieni eccezzjoni</u>**

[6] Ara a fol 139 tal-process

Illi l-Artikolu 2 para 1 44/2001 eccipit mis-socjeta' konvenuta jghid hekk:

"***Bla preġudizzju għal dan ir-Regolament, persuni b'domiċilju fi Stat Membru għandhom, independentament min-nazzjonalità tagħhom, jiġu mfittxija fil-qrati ta' dak l-Istat Membru***".

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal Artikolu 4(1) tal-istess Direttiva li jghid hekk:

"***Jekk il-konvenut ma jkunx domiċiljat fi Stat Membru, il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kull Stat Membru għandha, bla ħsara għall-Artikoli 22 u 23, tkun determinata bil-liġi ta' dak l-Istat Membru***"

filwaqt li Artikolu 5 tal-istess direttiva jsegwi hekk:

"***Persuna domiċiljata fi Stat Membru tista', fi Stat Membru ieħor, tkun imfittxijja:***

***1. (a) f'materji li għandhom x'jaqsmu ma' xi kuntratt, fil-qrati tal-post tat-twettieq ta' l-obbligi f'dak il-każ;***

***(b) għall-iskopijiet ta' din id-disposizzjoni u sa kemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, il-post tat-twettieq ta' l-obbligi f'dak il-każ għandu jkun:***

***— fil-każ ta' bejgħ ta' oġġetti, il-post fl-Istat Membru fejn, skond il-kuntratt, l-oġġetti ġew kunsinjati jew suppostli kienu kunsinjati,***
***— fil-każ ta' provista ta' servizzi, il-post fl-Istat Membru fejn, skond il-kuntratt, fejn ġew provduti jew suppost li kienu provduti servizzi***";

Illi kif qalet din il-Qorti kif presjeduta, fid-decizjoni taghha tat- 23 ta' Jannar, 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Mrbookmaker.com Ltd. (C27649) vs Stichting De Nationale Sporttotalisator, Entita` Estera**, wara ezami tal-*Brussels Regulations*, persuna b'domicilju fi Stat Membru ghandha tigi imfittxija f'dak l-Istat Membru u dan ghall-fini ta' l-artikolu 2 (1). Il-preambolu 11 ta' l-istess

regolamenti jghid: ***"The rules of jurisdiction must be highly predictable and founded on the principle that jurisdiction is generally based on the defendant's domicile and jurisdiction must always be available on this ground …The domicile of a legal person must be defined autonomously so as to make the common rules more transparent and avoid conflicts of jurisdiction****."*

Illi fil-kawza deciza mill-Qrati Ewropej fl-ismijiet **Kalfelis vs Shroder**, *Case* 189/1987 (*Reports* 1988 *page* 05565) inghad li "***all exceptions to the rule that the defendant must be sued in the state of his domicile are to be construed narrowly***". Dan kien bazat fuq il-principju tad-dritt generali tal-konvenut, ossija dak li jigi imharrek fid-domicilju tieghu (Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza tal-*European Court of Justice* fil-kawza **"Athanasios Kalfelis vs Bankhaus Schroder, Munchmeyer, Hengst and Co.,** deciza mill-*Fifth Chamber* fis-27 ta' Settembru 1988, *Case no* 189/87 *European Court Reports* 5565, u s-sentenza lokali fl-ismijiet **Bell Med Limited C26412 Vs Pari Mutuel Urban** deciza mill-Qorti ta' L-Appell Civil Superjuri fit-18 ta' Settembru 2009.

Il-Qorti tirreferi ghall-kawza deciza fit-30 ta' Gunju, 2011 minn din il-Qorti presjeduta mill-Imhallef Mark Chetcuti fl-ismijiet **Avukat Dr. Edward DeBono *nomine* vs No Stop Technology Limited** (Citazz. Nru. 1049/10) fejn intqal:

"***L-abdikazzjoni ghal gurisdizzjoni ta' forum skond il-principji normali legali kif enunzati fil-Council Regulation 44/2001 hi eccezzjoni ghar-regola u bhala tali trid tirrizulta b'mod car u univoku. Din hi l-interpretazzjoni kostanti kif tirrizulta mill-gurisprudenza Maltija u hi l-istess anki fil-forum Ewropew fejn fis-sentenza deciza mill-First Chamber tal-European Court of Justice fit-12 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet Nicole Hassett vs South Eastern Health Board and Cheryl Doherty vs North Western Health Board gie stipulat is-segwenti:***

***18. Moreover, as is stated in the 11th recital in the preamble to Regulation No. 44/2001, jurisdiction based on the defendant's domicile – in accordance with the general rule – must always be available, save in a few well defined situations in which the subject matter of the litigation or the autonomy of the parties warrants a different linking factor. Such situations must accordingly be interpreted strictly***.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Powell Duffryn plc and Wolfgang Petereit** *(C-214/89)* (moghtija fl-10 ta' Marzu 1992) l-ECJ spjegat l-artikolu 17 tal-*Brussels Convention* (illum l-artikolu 23 tal-*Council Regulation* (EC) 44/2001) u tenniet illi:

*"**Pursuant to Article 17 of the Brussels Convention an agreement conferring jurisdiction must be either in writing or evidenced in writing or, in international trade or commerce, in a form which accords with usage in that area and of which the parties are or ought to be aware. As the Court held in Case 24/76 Estasis Salotti vs.Ruwa [1976] ECR 1831, pargpraph 7, the purpose of the formal requirements imposed by Article 17 is to ensure that the consensus between the parties is in fact established**"* [paragrafi 23 u 24 tas-sentenza].

Gialadarba din il-Qorti m'ghandha ebda dubju dwar id-domicilju tas-socjeta' konvenuta (u dan anke in vista tal-fatt li Joseph Mizzi in kontro-ezami jikkonferma dan[7]), il-Qorti trid necessarjament tiddeciedi fuq l-eccezzjoni li ghandha quddiemha abbazi tal-fatt jekk bejn il-partijiet kienx hemm ftehim jew le. A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti taghmel referenza ghal dak citat taħt il-kappa 'Dwar l-ewwel eccezzjoni' u tapplika l-istess argumentazzjoni u principji ghall-eccezzjoni odjerna. Ghalhekk, gialadarba bejn il-partijiet ma rrizulta ebda kuntratt jew ftehim, din it-tieni eccezzjoni qieghda tintlaqa'.

[7] Ara a fol 139 tal-process

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni u t-tieni eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta u konsegwentement, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz odjern *stante* li l-Qorti m’ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma` u tiddeciedi l-kaz odjern. Bl-ispejjez kontra is-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------